140

Lofaro & Simiana Advocates

Pierre Lofaro LL.D. • Mark Simiana LL.D. • Gerald Bonello L.P.

91A/1, Archbishop Street,
Valletta VLT 1446 - Malta
Tel: (356) 2122 7800
Fax: (356) 2123 1710
e-mail: l&td@onvol.net

Fit-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar

PA/05682/20

Border & Co Ltd

Vs.

L-Awtorità ta' l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 5 MAY 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Rikors ta' l-Appell ta' l-applikanti Border & Co Ltd
Bir-rispett tesponi:

Illi permezz ta' applikazzjoni ta' żvilupp bin-numru PA/05682/20, kontenenti l-proposta "Installation of Advertisement Billboard" fi Triq L-Imġarr, Imġarr.

Illi permezz ta' deċiżjoni datata 16 t'April, 2021, l-Awtorità appellata irrifjutat l-applikazzjoni ta' l-appellanti, abbażi tas-segwenti raġuni:

> The proposed billboard runs counter to Appendix 1.A of Legal Notice 36 of 2018 and thus it runs counter to Section 9 of Schedule II of the same Legal Notice. The proposed billboard is therefore unacceptable, since it will constitute a traffic safety hazard.

Illi l-appellanti ħassitha aggravata minn din id-deċiżjoni, u għalhekk qed tinterponi umili appell minnha.

Illi din ir-raġuni ta' rifjut tirreferi għal Paragraph 1 ta' Appendix A ta' l-Avviż Legali 36/2018, li jgħid: "*Preferably, billboards should not be placed within 50 meters of approaching junctions having all turning movements, or pedestrian crossings so as not to pose any hazards*".

Illi huwa evidenti mil-lokuzzjoni ta' din id-disposizzjoni, b'mod partikolari mill-użu tal-kelma "preferably", illi r-regola tal-ħamsin metru m'hijiex waħda tassattiva u mandatorju, u kwindi l-applikazzjoni tagħha għandha tiddependi minn eżami taċ-ċirkostanzi fattwali ta' kull każ.

Illi huwa ċar għalhekk li fejn l-Awtorità tinterpreta din id-disposizzjoni bħala xi regola inflessibbli, l-Awtorità qed tiżbalja, billi din ir-regola essenzjalment timponi dmir fuq l-istess Awtorità li teżamina ċ-ċirkostanzi ta' kull każ, u mhux li sempliċiment issib li hemm perikolu għat-traffiku kull fejn jiġi propost *billboard* eqreb minn 50 metru minn *junction* jew *pedestrian crossings*.

Illi effettivament mill-atti ta' din l-applikazzjoni ma jirriżultax li l-Awtorità appellata għamlet xi eżami taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u ċertament ma tat ebda raġuni partikolari għaliex fil-każ odjern jissussisti l-perikolu ravviżat minnha fid-deċiżjoni appellata.

Illi barra minn hekk, huwa evidenti wkoll li r-regola li fuqha tistrieħ id-deċiżjoni appellata ma tirreferiex għal kwalsiasi *junction*, imma biss għal *junction* li għandha "**<u>all turning movements</u>**". Huwa evidenti li fil-każ odjern, il-*junction* li hija sitwata f'distanza ta' inqas minn 50 metru mis-sit propost għall-istallazzjoni tal-*billboard* meritu ta' din l-applikazzjoni m'għandhiex *all turning movements*", billi din il-*junction* ma tippermettix li t-traffiku jdur fi kwalsiasi direzzjoni, imma jippermetti biss tidwir f'direzzjoni waħda. Għalhekk ir-regola li abbażi tagħha ingħatat id-deċiżjoni appellata komunkwe ma tapplikax għall-każ odjern.

Illi għalhekk id-deċiżjoni appellata hija żbaljata u għandha tiġi revokata.

Għaldaqstant l-appellanti titlob lil dan ir-rispettabbili Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni appellata, u jordna lill-Awtorità appellata toħroġ il-permess ta' żvilupp mitlub permezz ta' l-applikazzjoni ta' żvilupp bin-numru PA/05682/20, previa kull provvediment ieħor li jkun jidhirlu xieraq u opportun.

Avv Mark Simiana

Lista ta' Xhieda

Diretturi u mpjegati ta' l-appellanti, rappreżentanti ta' l-Awtorità appellata u ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u periti arkitetti nkarigati mill-appellanti.

Avv Mark Simiana